**ARB/C015/2021 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 20th March, 2021 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Charmaine Galea LL.D.). Compilation Number 160/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

**LORRAINE FALZON**, company director, 46 years, daughter of Carmelo Galea and the late Maria Dolores née Camilleri, born in Pietà, Malta on the 1st November, 1974, residing at 236, The Pines, Fl 9, Triq is-Swieqi, Swieqi and holder of Maltese Identity Card bearing number 537274M.

**MATTHEW PACE**, employee, 45 years, son of John and Sarah née Caruana, born in St. Julian's, Malta on the 5th March, 1976, residing at 536, Triton Mansions, Blk A, Fl 11, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar and holder of Maltese Identity Card bearing number 177476M.

AND

**ZENITH FINANCE LIMITED**, incorporated with the name MFSP Financial Management Limited, with Maltese registration number C 42720 and registered address at 220, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Msida, Malta.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **LORRAINE FALZON**, **MATTHEW PACE**, and **ZENITH FINANCE LIMITED** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to **LORRAINE FALZON**, **MATTHEW PACE**, and **ZENITH FINANCE LIMITED** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

**The Court AUTHORIZED** the said accused whom are natural persons, to receive the amount authorized by law in terms of Article 5 (1) of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 23rd March, 2021

Acting Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C015/2021 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Marzu, 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Charmaine Galea LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 160/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

**LORRAINE FALZON**, direttriċi ta' kumpanija, ta' 46 sena, bint Carmelo Galea u l-mejta Maria Dolores xebba Camilleri, imwielda Pietà, Malta fl-1 ta' Novembru, 1974, residenti ġewwa 236, The Pines, Fl 9, Triq is-Swieqi, Swieqi u detentriċi ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 537274M.

**MATTHEW PACE**, impjegat, ta' 45 sena, iben John u Sarah xebba Caruana, imwieled San Ġiljan, Malta fil-5 ta' Marzu, 1976, residenti ġewwa 536, Triton Mansions, Blk A, Fl 11, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 177476M.

U

**ZENITH FINANCE LIMITED**, inkorporata bl-isem ta' MFSP Financial Management Limited, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 42720 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 220, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Msida.

**ORDNAT** iż-żamma f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **LORRAINE FALZON**, **MATTHEW PACE**, u **ZENITH FINANCE LIMITED** u tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu, iwiegħedu, jipotekaw jew jibdlu jew jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnhom, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

**ORDNAT** is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' **LORRAINE FALZON**, **MATTHEW PACE**, u **ZENITH FINANCE LIMITED** u tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

**Il-Qorti AWTORIŻŻAT** lill-akkużati li huma persuni fisiċi, li jirċievu l-ammont previst mil-liġi ai termini tal-Artikolu 5 (1) tal-Att kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma jeċċediex it-tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużati jindikaw b'nota minn fejn ħa jipperċepixxu dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 23 ta' Marzu, 2021

Aġent Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi